

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.10920 — AMAZON / IROBOT)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 202/12)

1. Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Amazon.com, Inc. (“Amazon”, l-Istati Uniti tal-Amerka)
- iRobot Corporation (“iRobot”, l-Istati Uniti tal-Amerka)

Amazon takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll esklużiv ta’ iRobot kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Amazon tħaddem firxa ta’ negozji inkluż il-bejgħ bl-imnut, id-divertiment, l-elettronika tal-konsumatur u s-servizzi tat-teknoloġija. Tipprovdi wkoll servizzi ta’ intermedjazzjoni online lil bejjiegħa terzi permezz tas-swieq online tagħha ta’ Amazon li jippermettu lil bejjiegħa terzi jirreklamaw u jbigħu prodotti lill-klijenti.
- iRobot hija manifattur globali ta’ prodotti għall-kura tal-art, primarjament attiva fid-disinn u l-provvista ta’ robots forma ta’ vacuum cleaners.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spċificata:

M.10920 — AMAZON / IROBOT

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---